ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 211

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

11 ta' Awwissu 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 956/2007 ta' l-10 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ................... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 957/2007 ta' l-10 ta' Awwissu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 712/2007 fir-rigward tal-kwantitajiet koperti mis-sejħa permanenti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju taċ-ċereali miżmuma mill-organizzazzjonijiet ta' intervent ta' l-Istati Membri** ........ 3

★ **Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (KE) Nru 958/2007 tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika fir-rigward ta' l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment *(BĊE/2007/8)*** ........ 8



**MT**

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 956/2007

**ta' l-10 ta' Awwissu 2007**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-11 ta' Awwissu 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Awwissu 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 48,8 |
| | TR | 55,3 |
| | XK | 36,3 |
| | XS | 36,3 |
| | ZZ | 44,2 |
| 0707 00 05 | TR | 103,8 |
| | ZZ | 103,8 |
| 0709 90 70 | TR | 85,9 |
| | ZZ | 85,9 |
| 0805 50 10 | AR | 58,7 |
| | UY | 47,4 |
| | ZA | 62,1 |
| | ZZ | 56,1 |
| 0806 10 10 | EG | 137,4 |
| | MA | 137,7 |
| | MK | 18,0 |
| | TR | 109,4 |
| | ZZ | 100,6 |
| 0808 10 80 | AR | 71,6 |
| | BR | 86,8 |
| | CL | 79,8 |
| | CN | 96,3 |
| | NZ | 95,3 |
| | US | 101,8 |
| | UY | 50,7 |
| | ZA | 86,4 |
| | ZZ | 83,6 |
| 0808 20 50 | AR | 57,8 |
| | CL | 83,9 |
| | NZ | 92,4 |
| | TR | 136,9 |
| | ZA | 94,7 |
| | ZZ | 93,1 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | TR | 147,9 |
| | ZZ | 147,9 |
| 0809 40 05 | IL | 125,0 |
| | ZZ | 125,0 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 957/2007

## ta' l-10 ta' Awwissu 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 712/2007 fir-rigward tal-kwantitajiet koperti mis-sejħa permanenti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju taċ-ċereali miżmuma mill-organizzazzjonijiet ta' intervent ta' l-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 712/2007 [2] fetaħ sejħiet permanenti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju taċ-ċereali miżmuma mill-organizzazzjonijiet ta' intervent ta' l-Istati Membri.

(2) Fid-dawl tal-qagħda tas-suq tal-qamħirrum fil-Komunità u ta' l-iżvilupp tat-talba għaċ-ċereali osservata fir-reġjuni differenti matul dawn l-aħħar ġimgħat, tirriżulta l-ħtieġa li, f'ċerti Stati Membri, isiru disponibbli kwantitajiet ġodda ta' ċereali miżmuma għall-intervent. Jeħtieġ għalhekk li l-organizzazzjonijiet ta' l-intervent ta' l-Istati Membri konċernati jiġu awtorizzati jżidu l-kwantitajiet involuti fis-sejħiet għal offerti kompetittivi, għall-qamħirrum, b'1 199 355 tunnellata fl-Ungerija.

(3) Jeħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 712/2007 jiġi emendat.

(4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 712/2007 għandu jinbidel bit-test anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Awwissu 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).
[2] ĠU L 163, 23.6.2007, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 843/2007 (ĠU L 186, 18.7.2007, p. 9).

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**LISTA TAS-SEJĦIET**

| Stat Membru | Kwantitajiet disponibbli għall-bejgħ fis-suq intern (tunnellati) | | | | Organizzazzjoni ta' intervent Isem, indirizz u dettalji tal-kuntatt |
|---|---|---|---|---|---|
| | Qamh komuni | Xghir | Qamhirrum | Segala | |
| Belgique/België | 0 | — | — | — | Bureau d'intervention et de restitution belge<br>Rue de Trèves, 82<br>B-1040 Bruxelles<br>Telefown: (32-2) 287 24 78<br>Feks (32-2) 287 25 24<br>Posta elettronika: webmaster@birb.be<br>Websajt: www.birb.be |
| БЪЛГАРИЯ | — | — | — | — | State Fund Agriculture<br>136, Tzar Boris III Blvd.<br>1618, Sofia, Bulgaria<br>Telefown: (+359 2) 81 87 202<br>Feks: (+359 2) 81 87 267<br>Posta elettronika: dfz@dfz.bg<br>Websajt: www.mzgar.government.bg |
| Česká republika | 0 | 0 | — | — | Statní zemědělsky intervenční fond<br>Odbor rostlinných komodit<br>Ve Smečkách 33<br>CZ-110 00, Praha 1<br>Telefown: (420) 222 871 667 – 222 871 403<br>Feks: (420) 296 806 404<br>Posta elettronika: dagmar.hejrovska@szif.cz<br>Websajt: www.szif.cz |
| Danmark | — | — | — | — | Direktoratet for FødevareErhverv<br>Nyropsgade 30<br>DK-1780 København<br>Telefown: (45) 33 95 88 07<br>Feks: (45) 33 95 80 34<br>Posta elettronika: mij@dffe.dk and pah@dffe.dk<br>Websajt: www.dffe.dk |
| Deutschland | 0 | 0 | — | 38 422 | Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung<br>Deichmanns Aue 29<br>D-53179 Bonn<br>Telefown: (49-228) 6845-3704<br>Feks1: (49-228) 6845-3985<br>Feks2: (49-228) 6845-3276<br>Posta elettronika: pflanzlErzeugnisse@ble.de<br>Websajt: www.ble.de |
| Eesti | — | — | — | — | Põllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet<br>Narva mnt. 3, 51009 Tartu<br>Telefown: (372) 7371 200<br>Feks: (372) 7371 201<br>Posta elettronika: pria@pria.ee<br>Websajt: www.pria.ee |
| Eire/Ireland | — | — | — | — | Intervention Operations, OFI, Subsidies & Storage Division, Department of Agriculture & Food<br>Johnstown Castle Estate, County Wexford<br>Telefown: 353 53 91 63400<br>Feks: 353 53 91 42843<br>Websajt: www.agriculture.gov.ie |

| Stat Membru | Kwantitajiet disponibbli ghall-bejgh fis-suq intern (tunnellati) | | | | Organizzazzjoni ta' intervent<br>Isem, indirizz u dettalji tal-kuntatt |
|---|---|---|---|---|---|
| | Qamh komuni | Xghir | Qamhirrum | Segala | |
| Elláda | — | — | — | — | Payment and Control Agency for Guidance and Guarantee Community AIDS (O.P.E.K.E.P.E)<br>241, Archarnon str., GR-104 46 Athens<br>Telefown: (30-210) 212 4787 & 4754<br>Feks: (30-210) 212 4791<br>Posta elettronika: ax17u073@minagric.gr<br>Websajt: www.opekepe.gr |
| España | — | — | — | — | S. Gral. Intervención de Mercados (FEGA)<br>C/Almagro 33 — 28010 Madrid — España<br>Telefown: (34-91) 3474765<br>Feks: (34-91) 3474838<br>Posta elettronika: sgintervencion@fega.mapa.es<br>Websajt: www.fega.es |
| France | 0 | 13 218 | — | — | Office National Interprofessionnel des Grandes Cultures (ONIGC)<br>12, rue Henri Roltanguy TSA 20002<br>F-93555 Montreuil sous Bois Cedex<br>Telefown: (33-1) 73 30 20 20<br>Feks (33-1) 73 30 20 08<br>Posta elettronika: Catherine.LESCOUARC'H@onigc.fr;<br>Philippe.BONNARD@onigc.fr<br>Websajt: www.onigc.fr |
| Italia | — | — | — | — | Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura — AGEA<br>Via Torino, 45, 00184 Roma<br>Telefown: (39) 0649499558<br>Feks: (39) 0649499761<br>Posta elettronika: b.pennacchia@agea.gov.it<br>Websajt: www.agea.gov.it |
| Kypros | — | — | — | — | |
| Latvija | 0 | 0 | — | — | Lauku atbalsta dienests<br>Republikas laukums 2,<br>Rīga, LV – 1981<br>Telefown: (371) 702 7893<br>Feks: (371) 702 7892<br>Posta elettronika: lad@lad.gov.lv<br>Websajt: www.lad.gov.lv |
| Lietuva | — | — | — | — | The Lithuanian Agricultural and<br>Food Products Market regulation Agency<br>L. Stuokos-Guceviciaus Str. 9–12,<br>Vilnius, Lithuania<br>Telefown: (370-5) 268 5049<br>Feks: (370-5) 268 5061<br>Posta elettronika: info@litfood.lt<br>Websajt: www.litfood.lt |
| Luxembourg | — | — | — | — | Office des licences<br>21, rue Philippe II<br>Boîte postale 113<br>L-2011 Luxembourg<br>Telefown: (352) 478 23 70<br>Feks: (352) 46 61 38<br>télex: 2 537 AGRIM LU |
| Magyarország | 29 244 | 0 | 2 199 355 | — | Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal<br>Soroksári út. 22–24<br>H-1095 Budapest<br>Telefown: (36) 1 219 45 76<br>Feks: (36) 1 219 89 05<br>Posta elettronika: ertekesites@mvh.gov.hu<br>Websajt: www.mvh.gov.hu |

| Stat Membru | Kwantitajiet disponibbli għall-bejgħ fis-suq intern (tunnellati) | | | | Organizzazzjoni ta' intervent<br>Isem, indirizz u dettalji tal-kuntatt |
|---|---|---|---|---|---|
| | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrum | Segala | |
| Malta | — | — | — | — | |
| Nederland | — | — | — | — | Dienst Regelingen Roermond<br>Postbus 965, NL-6040 AZ Roermond<br>Telefown: (31) 475 355 486<br>Feks: (31) 475 318939<br>Posta elettronika: p.a.c.m.van.de.lindeloof@minlnv.nl<br>Websajt: www.minlnv.nl |
| Österreich | — | — | — | — | AMA (Agrarmarkt Austria)<br>Dresdnerstraße 70<br>A-1200 Wien<br>Telefown: (43-1) 33151 258<br>(43-1) 33151 328<br>Feks: (43-1) 33151 4624<br>(43-1) 33151 4469<br>Posta elettronika: referat10@ama.gv.at<br>Websajt: www.ama.at/intervention |
| Polska | — | 0 | — | — | Agencja Rynku Rolnego<br>Biuro Produktów Roślinnych<br>Nowy Świat 6/12<br>PL-00-400 Warszawa<br>Telefown: (48) 22 661 78 10<br>Feks: (48) 22 661 78 26<br>Posta elettronika: cereals-intervention@arr.gov.pl<br>Websajt: www.arr.gov.pl |
| Portugal | — | — | — | — | Instituto Nacional de Intervenção e Garantia Agrícola (INGA)<br>R. Castilho, n.º 45-51,<br>1269-163 Lisboa<br>Telefown: (351) 21 751 85 00<br>(351) 21 384 60 00<br>Feks: (351) 21 384 61 70<br>Posta elettronika: inga@inga.min-agricultura.pt<br>edalberto.santana@inga.min-agricultura.pt<br>Websajt: www.inga.min-agricultura.pt |
| România | — | — | — | — | Agenția de Plați și Intervenție pentru Agricultura<br>B-dul Carol I, nr. 17, sector 2<br>București 030161<br>România<br>Telefown: + 40 21 3054802 + 40 21 3054842<br>Feks: + 40 21 3054803<br>Websajt: www.apia.org.ro |
| Slovenija | — | — | — | — | Agencija Republike Slovenije za kmetijske trge in razvoj podeželja<br>Dunajska 160, 1000 Ljubjana<br>Telefown: (386) 1 580 76 52<br>Feks: (386) 1 478 92 00<br>Posta elettronika: aktrp@gov.si<br>Websajt: www.arsktrp.gov.si |
| Slovensko | — | — | — | — | Pôdohospodárska platobná agentúra<br>Oddelenie obilnín a škrobu<br>Dobrovičova 12<br>SK-815 26 Bratislava<br>Telefown: (421-2) 58 243 271<br>Feks: (421-2) 53 412 665<br>Posta elettronika: jvargova@apa.sk<br>Websajt: www.apa.sk |

| Stat Membru | Kwantitajiet disponibbli għall-bejgħ fis-suq intern (tunnellati) | | | | Organizzazzjoni ta' intervent<br>Isem, indirizz u dettalji tal-kuntatt |
|---|---|---|---|---|---|
| | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrum | Segala | |
| Suomi/Finland | 0 | 0 | — | — | Maaseutuvirasto<br>PL 256<br>FI-00101 HELSINKI<br>Telefown: +358 (0)20 772 007<br>Feks: +358 (0)20 7725 506, +358 (0)20 7725 508<br>Posta elettronika: markkinatukiosasto@mavi.fi<br>Websajt: www.mavi.fi |
| Sverige | 0 | 0 | — | — | Statens Jordbruksverk<br>SE-55182 Jönköping<br>Telefown: (46) 36 15 50 00<br>Feks: (46) 36 19 05 46<br>Posta elettronika: jordbruksverket@sjv.se<br>Websajt: www.sjv.se |
| United Kingdom | — | — | — | — | Rural Payments Agency<br>Lancaster House<br>Hampshire Court<br>Newcastle upon Tyne<br>NE4 7YH<br>Telefown: (44) 191 226 5882<br>Feks: (44) 191 226 5824<br>Posta elettronika: cerealsintervention@rpa.gsi.gov.uk<br>Websajt: www.rpa.gov.uk |

Is-simbolu '—' jfisser: l-ebda stokk ta' intervent għal dan iċ-ċereali f'dan l-Istat Membru."

# REGOLAMENT TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW (KE) Nru 958/2007

## tas-27 ta’ Lulju 2007

## dwar statistika fir-rigward ta’ l-attiv u l-passiv ta’ fondi ta’ investiment

## *(BĊE/2007/8)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b’mod partikolari l-Artikolu 5,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta’ Novembru 1998 dwar il-ġbir ta’ informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew [1], u b’mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprovdi fl-Artikolu 2(1) li, għas-sodisfazzjon ta’ l-obbligi ta’ rappurtar statistiku tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu d-dritt jiġbor informazzjoni statistika fi ħdan il-limiti tal-popolazzjoni li tirraporta ta’ referenza u ta’ dak li jinħtieġ biex jitwettqu l-ħidmiet tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). Jingħad mill-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 li l-fondi ta’ l-investiment (IFs) jagħmlu parti mill-popolazzjoni li tirraporta ta’ referenza għall-finijiet li jiġu sodisfatti l-obbligi ta’ rappurtar statistiku tal-BĊE, *inter alia*, fil-qasam ta’ l-istatistika monetarja u bankarja. Barra minn dan, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeħtieġ lill-BĊE biex jispeċifika l-popolazzjoni ta’ rappurtar attwali fi ħdan il-limiti tal-popolazzjoni li tirraporta ta’ referenza u jintitolah biex jeżenta bis-sħiħ jew parzjalment klassijiet speċifiċi ta’ aġenti ta’ rappurtar mill-obbligi tiegħu ta’ rappurtar statistiku.

(2) Sabiex twettaq il-ħidmiet tagħha u tissorvelja attivitajiet finanzjarji minbarra dawk imwettqa minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs), is-SEBĊ teħtieġ informazzjoni statistika ta’ kwalità għolja dwar in-negozju tal-IFs. L-iskop prinċipali ta’ din id-*data* hija li tipprovdi lill-BĊE bi stampa statistika komprensiva tas-settur tal-IF fl-Istati Membri parteċipanti, li jitqiesu bħala territorju ekonomiku wieħed.

(3) Biex jiġi llimitat il-piż tar-rappurtar, il-BĊNi jistgħu jiġbru l-informazzjoni meħtieġa dwar il-IFs mill-popolazzjoni attwali li tirrapporta bħala parti minn qafas ta’ rappurtar statistiku aktar wiesa’ li jservi skopijiet statistiċi oħra, bil-kundizzjoni li t-twettiq ta’ l-obbligi statistiċi tal-BĊE mhuwiex ippreġudikat. Sabiex titkattar it-trasparenza, f’dawn il-każijiet jixraq li l-aġenti ta’ rappurtar jiġu infurmati li d-*data* tinġabar biex jitwettqu skopijiet oħra ta’ statistika oħra.

(4) Li jkollok *data* disponibbli dwar tranżazzjonijiet finanzjarji tiffaċilita analiżi aktar fil-fond għal politika monetarja u skopijiet oħra. *Data* dwar tranżazzjonijiet finanzjarji, kif ukoll *data* dwar stocks, hija użata wkoll biex tiġi kkumpilata statistika oħra, partikolarment il-kontijiet finanzjarji taż-żona ta’ l-euro.

(5) Minkejja li r-regolamenti adottati skond l-Artikolu 34.1 ta’ l-Istatut ma jagħtu l-ebda drittijiet jew ma jimponu l-ebda obbligi fuq Stati Membri mhux parteċipanti, l-Artikolu 5 ta’ l-Istatut japplika għall-Istati Membri kollha, irrispettivament jekk ikunux adottaw l-euro jew le. Ir-*recital* 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jagħmilha ċara li l-Artikolu 5 ta’ l-Istatut, flimkien ma’ l-Artikolu 10 (ex Artikolu 5) tat-Trattat, jimplika obbligu biex jiġu ddisinjati w implimentati f’livell nazzjonali l-miżuri kollha li l-Istati Membri mhux parteċipanti jikkunsidraw xierqa biex jiġbru l-informazzjoni statistika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi ta’ rappurtar statistiku tal-BĊE u jippreparaw fil-ħin fil-qasam ta’ l-istatistika ħalli jsiru Stati Membri parteċipanti.

(6) Minkejja li dan ir-Regolament huwa indirizzat primarjament lil IFs, informazzjoni kompluta dwar detenturi ta’ ishma *bearer* maħruġa minn IFs tista’ ma tkunx disponibbli direttament minn IFs, u għalhekk huwa meħtieġ biex jiġu inklużi entitajiet oħra fil-popolazzjoni li tirrapporta.

(7) Ir-reġim tas-sanzjonijiet tal-BĊE stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 se japplika għall-IFs.

(8) Sa mhux aktar tard mill-2012, il-Kunsill Governattiv se jivvaluta jekk għandhomx ikunu biss l-Istati Membri li s-settur tagħhom tal-fondi ta’ l-investiment, f’termini ta’ attiv totali, jammonta għal anqas minn sehem minimu ta’ l-attiv globali immaniġġjat fiż-żona ta’ l-euro, li jitħallew jużaw il-metodu ta’ rappurtar aggregat stabbilit f’dan ir-Regolament,

[1] ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

— "IF" tfisser impriża ta' investiment kollettiv li:

(a) tinvesti f'attiv finanzjarju u mhux finanzjarju, fit-tifsira ta' l-Anness II, sakemm l-għan tagħha huwa li tinvesti l-kapital miġbur mill-pubbliku; u

(b) hija mwaqqfa permezz tal-liġi tal-Komunità jew dik nazzjonali skond:

(i) il-liġi tal-kuntratt (bħala fond komuni mmaniġġjat minn kumpaniji ta' maniġment);

(ii) il-liġi dwar it-*trusts* (bħala *a unit trust*);

(iii) il-liġi tal-kumpanija (bħala kumpanija ta' investiment); jew

(iv) kull mekkaniżmu simili ieħor.

Dawn li ġejjin huma inklużi fid-definizzjoni ta' IF:

(a) dawk l-impriżi li l-*units* jew l-ishma tagħhom huma, fuq it-talba tad-detenturi, mixtrija mill-ġdid jew mifdija direttament jew indirettament mill-attiv ta' l-impriża; u

(b) dawk l-impriżi li għandhom numru fiss ta' ishma maħruġa u li l-azzjonisti tagħhom ikollhom jixtru jew ibigħu ishma eżistenti meta jidħlu jew joħorġu mill-fond.

Dawn li ġejjin mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' IF:

(a) fondi ta' pensjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(2)(a) u ta' l-Anness B mar-Regolament (KE) Nru 2533/98; u

(b) fondi ta' swieq ta' flus fit-tifsira ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) [1].

Għall-finijiet tad-definizzjoni ta' IF, "pubbliku" għandha tinkludi investituri ġenerali (*retail*), professjonali u istituzzjonali;

— "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li adotta l-euro;

— "Stat Membru mhux parteċipanti" tfisser Stat Membru li m'adottax l-euro;

— "aġent ta' rappurtar" tfisser aġent ta' rappurtar fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

— "residenti" tfisser residenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u fin-nuqqas ta' kull dimensjoni fiżika sinifikanti għal entità legali, ir-residenza tagħha għandha tkun iddeterminata mit-territorju ekonomiku li skond il-liġijiet tiegħu l-entità hija inkorporata. Jekk l-entità mhijiex inkorporata, għandu jintuża d-domiċilju legali bħala kriterju, jiġifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwa ta' l-entita';

— "MFI" tfisser istituzzjoni finanzjarja monetarja fit-tifsira tal-paragrafu 1 ta' Parti 1 ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 BĊE/2001/13;

— "OFI" tfisser intermedjarji finanzjarji oħra ħlief korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni, fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(2)(a) u ta' l-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

— "BĊN relevanti" tfisser il-BĊN ta' l-Istat Membru parteċipanti li fih jirrisjedi l-IF rispettiv.

*Artikolu 2*

**Popolazzjoni attwali li tirrapporta**

1. Il-popolazzjoni attwali ta' rappurtar għandha tikkonsisti fil-IFs residenti fit-territorju ta' l-Istati Membri parteċipanti. Jekk il-IF innifsu jew, fil-każ tal-IFs li m'għandhomx personalita' legali skond il-liġi nazzjonali tagħhom, il-persuni intitolati jirrappreżentawhom legalment, għandhom ikunu responsabbli biex jirrappurtaw l-informazzjoni statistika meħtieġa skond dan ir-Regolament.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, għall-finijiet ta' ġbir ta' informazzjoni dwar id-detenturi ta' ishma *bearer* maħruġa mill-IFs (il-paragrafi 3 f'Parti 2 ta' l-Anness I), il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tinkludi l-MFIs u dawk l-OFIs li mhumiex IFs. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil dawn l-entitajiet bil-kundizzjoni li l-informazzjoni statistika meħtieġa tinġabar minn sorsi oħra disponibbli skond il-paragrafu 3 f'Parti 2 ta' l-Anness I. Il-BĊNi għandhom jiċċekkjaw is-sodisfazzjon ta' din il-kundizzjoni fi żmien xieraq sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk jinħtieġ, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena, bi qbil mal-BĊE. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-BĊNi jistgħu jistabbilixxu u jżommu lista ta' OFIs li jirrappurtaw li mhumiex IFs, skond il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 3 f'Parti 2 ta' l-Anness I.

[1] ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.

*Artikolu 3*

**Derogi**

1. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-iżgħar IFs f'termini ta' attiv totali, sakemm il-IFs li jikkontribwixxu għall-kont trimestrali aggregat tal-karta tal-bilanċ, ta' lanqas 95 % tat-total ta' l-attiv tal-IFs f'termini ta' *stocks*, f'kull Stat Membru parteċipanti. Il-BĊNi għandhom jiċċekkjaw is-sodisfazzjon ta' din il-kundizzjoni fi żmien xieraq sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk jinhtieġ, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena kalendarja. Il-IFs, li għalihom japplikaw dawn id-derogi, għandhom jirrappurtaw biss, kull trimestru: *data* dwar l-*istock* ta' tmiem it-trimestru dwar ishma/*units* ta' IF maħruġa; u l-aġġustamenti korrispondenti tar-rivalutazzjoni trimestrali jew tranżazzjonijiet, jekk japplika.

2. Id-derogi jistgħu jingħataw lil IFs li huma suġġetti għal regoli ta' kontabilità nazzjonali li jippermettu li l-valutazzjoni ta' l-attiv tagħhom issir anqas frekwenti milli kull trimestru. Il-kategoriji ta' IF, li lilhom il-BĊNi għandu jkollhom id-diskrezzjoni li jagħtu derogi, għandhom ikunu deċiżi mill-Kunsill Governattiv. Il-IFs, li għalihom dawn id-derogi japplikaw, għandhom ikunu suġġetti għall-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament fi frekwenza konsistenti ma' l-obbligi tagħhom tal-kontabilità fir-rigward taż-żmien tal-valutazzjoni ta' l-attiv tagħhom.

3. Il-IFs jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux użu mid-derogi u li minflok jissodisfaw l-obbligi kollha ta' rappurtar speċifikati fl-Artikolu 6. Jekk IF jagħmel din l-għażla, dan għandu jakkwista l-kunsens tal-BĊN relevanti qabel ma jagħmel xi tibdiliet fl-użu tiegħu ta' dawn id-derogi.

*Artikolu 4*

**Lista ta' IFs għal finijiet ta' statistika**

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' IFs suġġetti għal dan ir-Regolament, inklużi, fejn japplikaw, is-subfondi tagħhom, fit-tifsira ta' l-Artikolu 5(2). Il-lista tista' tiġi bbażata fuq listi eżistenti ta' IFs irregolati minn awtoritajiet nazzjonali, meta dawn il-listi huma disponibbli, issupplimentati minn IFs oħra li jaqgħu fid-definizzjoni ta' IFs fl-Artikolu 1.

2. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu l-lista ta' IFs għal finijiet ta' statistika, u l-aġġornamenti tagħha, aċċessibli għall-IFs rispettivi b'mod xieraq, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, permezz ta' l-Internet jew, fuq it-talba ta' l-aġenti tar-rappurtar rispettivi, stampata fuq il-karta.

3. Il-lista ta' IFs għal finijiet statistiċi għandha tkun biss għal skopijiet ta' informazzjoni. Madankollu, fil-każ li l-verżjoni elettronika aċċessibbli l-aħħar tal-lista msemmija fil-paragrafu 2 tkun skorretta, il-BĊE m'għandux jimponi sanzjonijiet fuq kull entità li ma tkunx issodisfat kif suppost l-obbligi ta' rappurtar tiegħu, sakemm dik l-entità tkun qagħdet fuq il-lista skorretta b'bonafidi.

*Artikolu 5*

**Rappurtar fond b'fond**

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tirrapporta *data* dwar l-attiv u l-passiv tagħha fond b'fond.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, jekk xi IF jissepara l-attiv tiegħu f'subfondi differenti b'mod li l-ishma/*units* dwar kull subfond huma sostnuti indipendentament minn attiv differenti, kull subfond għandu jkun ikkunsidrat bħala IF individwali.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, suġġett għall-approvazzjoni minn qabel u skond l-istruzzjonijiet tal-BĊN relevanti, il-IFs jistgħu jirrappurtaw l-attiv u l-passiv tagħhom bħala grupp, bil-kundizzjoni li dan iwassal għal riżultati li huma simili għal rappurtar fond b'fond.

*Artikolu 6*

**Obbligi ta' rappurtar statistiku trimestrali u ta' kull xahar**

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tipprovdi, skond l-Anness I:

(a) kull tliet xhur, *data* dwar l-i*stock* ta' tmiem it-trimestru dwar l-attiv u l-passiv ta' IFs, u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni trimestrali jew tranżazzjonijiet, fejn japplika; u

(b) kull xahar, *data* dwar l-i*stock* ta' tmiem ix-xahar dwar ishma/*units* ta' IF maħruġa, u l-aġġustamenti korrispondenti ta' rivalutazzjoni ta' kull xahar jew tranżazzjonijiet, jekk japplika.

2. Suġġett għall-approvazzjoni minn qabel u skond l-istruzzjonijiet tal-BĊN relevanti, il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tirrapporta informazzjoni statistika fuq il-bażi ta' wieħed miż-żewġ metodi ta' rappurtar speċifikati fl-Anness I, b'konformità mad-definizzjonijiet fl-Anness II.

3. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu li jiġbru d-*data* fil-paragrafu 1(a) kull xahar minflok kull tliet xhur.

*Artikolu 7*

**Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet**

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tirrapporta aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet, skond l-istruzzjonijiet tal-BĊN relevanti, għall-informazzjoni aggregata rrappurtata skond il-metodu mħallat jew aggregat speċifikat fl-Anness I.

2. Skond il-metodu mħallat speċifikat fl-Anness I, il-BĊNi jistgħu jew jiddeduċu approssimazzjonijiet ta' tranżazzjonijiet f'titoli mill-informazzjoni titolu b'titolu (t-b-t) jew jiġbru direttament tranżazzjonijiet titolu b'titolu.

3. Obbligi u linji ta' gwida oħra dwar il-kumpilazzjoni ta' aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet huma stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 8*

**Regoli ta' kontabilità**

1. Ir-regoli tal-kontabilità segwiti mill-IFs għall-finijiet tar-rappurtar skond dan ir-Regolament għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-liġi nazzjonali relevanti li timplimenta lid-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra ([1]), jew, jekk id-dispożizzjoni ta' l-ewwel ma tapplikax, f'kull standards oħra nazzjonali jew internazzjonali li japplikaw għall-IFs.

2. Bla ħsara għall-prattiċi tal-kontabilità u l-arranġamenti tan-*netting* li jiddominaw fl-Istati Membri parteċipanti, għall-finijiet statistiċi l-attiv u l-passiv finanzjarju kollu għandu jkun irrappurtat *gross*.

*Artikolu 9*

**Puntwalità**

1. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu meta huma għandhom bżonn li jirċievu data mill-aġenti ta' rappurtar skond l-Artikolu 6 sabiex jissodisfaw l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 2.

2. Il-BĊNi għandhom jittrasmettu lill-BĊE:

(a) *stocks* trimestrali aggregati u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni sa l-egħluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-*data*, ibbażati fuq id-*data* trimestrali miġbura minn IFs; u

(b) *stocks* ta' kull xahar aggregati u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni sa l-egħluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi d-*data*, ibbażati fuq id-*data* ta' kull xahar dwar ishma/*units* ta' IF maħruġa, miġbura minn Ifs, jew ibbażati fuq *data* attwali skond l-Artikolu 6(3).

*Artikolu 10*

**Standards minimi u arranġamenti nazzjonali ta' rappurtar**

1. L-informazzjoni statistika meħtieġa għandha tiġi rrappurtata mill-IF lill-BĊN relevanti skond l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità kunċettwali u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti ta' rappurtar li għandhom jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali li tirrapporta skond il-karatteristiċi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti ta' rappurtar jipprovdu l-informazzjoni statistika meħtieġa u jippermettu l-iċċekkjar preċiż tal-konformità ma' l-istandards minimi għat-transmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità kunċettwali u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

*Artikolu 11*

**Għaqdiet, diviżjonijiet u riorganizzazzjonijiet**

Fil-każ ta' għaqda, diviżjoni jew riorganizzazzjoni li tista' taffettwa s-sodisfazzjon ta' l-obbligi statistiċi tiegħu, l-aġent ta' rappurtar involut għandu jinforma lill-BĊN relevanti, ladarba l-intenzjoni biex jimplimenta dik l-operazzjoni tkun saret pubblika u fil-ħin qabel ma sseħħ, bil-proċeduri li huma ppjanati biex iwettaq l-obbligi ta' rappurtar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Verifika u ġbir obbligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw d-drittijiet li jivverifikaw jew jiġbru b'mod obbligatorju l-informazzjoni li l-aġenti ta' rappurtar jipprovdu skond dan ir-Regolament, bla ħsara għad-dritt tal-BĊE biex jeżerċita dawn id-drittijiet innifsu. Dawn id-drittijiet għandhom, b'mod partikolari, jiġu eżerċitati mill-BĊNi meta istituzzjoni inkluża fil-popolazzjoni attwali li tirrapporta ma tissodisfax l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità kunċettwali u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

*Artikolu 13*

**L-ewwel rappurtar**

L-ewwel rappurtar għandu jibda b'*data* ta' kull xahar u trimestrali għal Diċembru 2008.

*Artikolu 14*

**Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 27 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

([1]) ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

*ANNESS I*

**OBBLIGI TA' RAPPURTAR STATISTIKU**

PARTI 1

**Metodu ta' rappurtar**

1. Il-BĊE għandu jipproduċi, fuq bażi regolari, l-ammont aggregat ta' attiv u passiv għall-IFs mill-Istati Membri parteċipanti kollha, meqjusa bħala territorju ekonomiku wieħed, f'termini ta' *stocks* u tranżazzjonijiet.

2. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tipprovdi l-informazzjoni statistika skond wieħed miż-żewġ metodi ta' rappurtar li ġejjin:

   (a) Metodu mħallat: dan jikkonsisti f'li jiġi pprovdut:

   — kull tliet xhur: (i) informazzjoni titolu b' titolu (t-b-t) għal titoli b'kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament miżmuma minn IFs; (ii) informazzjoni aggregata kklassifikata permezz ta' kategoriji ta' strumenti/maturita', valuti u kontropartijiet, għal attiv u passiv minbarra titoli u għal titoli mingħajr kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament; u (iii) jew t-b-t jew informazzjoni aggregata dwar detenturi ta' ishma/*units* ta' IF maħruġa, kif speċifikat aktar f'Parti 2 ta' dan l-Anness. Il-BĊN relevanti jista' jeħtieġ lill-aġenti ta' rappurtar biex jirrappurtaw informazzjoni t-b-t għal titoli mingħajr kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament, jew informazzjoni partita b'partita għal attiv u passiv minbarra titoli; u

   — kull xahar, informazzjoni t-b-t li tidentifika separatament l-ishma/*units* kollha maħruġa minn IFs.

   Kif stabbilit fit-Tabella 2, minbarra d-*data* fir-rigward ta' l-entrati li għandhom jiġu rrappurtati fil-kuntest ta' rappurtar t-b-t sabiex tiġi dedotta l-informazzjoni aggregata dwar it-titoli, il-BĊN relevanti jista' jiddeċiedi wkoll biex jiġbor *data* dwar tranżazzjonijiet t-b-t.

   Id-*data* aggregata għandha tiġi pprovduta f'termini ta' *stocks* u, skond l-istruzzjonijiet tal-BĊN relevanti, f'termini ta' jew: (i) rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju; jew (ii) tranżazzjonijiet.

   Bil-kundizzjoni li jakkwista l-approvazzjoni minn qabel tal-BĊN, l-aġenti ta' rappurtar li jipprovdu d-*data* trimestrali meħtieġa t-b-t, jistgħu jagħżlu li jirrappurtaw id-*data* ta' kull xahar meħtieġa b'mod aggregat, minflok li jipprovdu informazzjoni t-b-t.

   (b) Metodu aggregat: dan jikkonsisti f' li jiġi pprovdut:

   — kull tliet xhur, sett sħiħ ta' informazzjoni aggregata, ikklassifikata permezz ta' kategoriji ta' strumenti/maturita', valuti u kontropartijiet dwar l-attiv u l-passiv ta' IFs; u

   — kull xahar, informazzjoni aggregata dwar l-ishma/*units* maħruġa minn IFs.

   L-informazzjoni trimestrali u ta' kull xahar għandha tiġi rrappurtata f'termini ta' *stocks* u, skond l-istruzzjonijiet tal-BĊN relevanti, f' termini ta' jew: (i) rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju; jew (ii) tranżazzjonijiet.

3. L-informazzjoni li għandha tingħata lill-BĊN t-b-t skond il-metodu mħallat hija speċifikata fit-Tabella 2. L-obbligi ta' rappurtar aggregat trimestrali għal stocks huma speċifikati fit-Tabella 1 u dawk għar-rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju jew tranżazzjonijiet huma speċifikati fit-Tabella 3. L-obbligi ta' rappurtar aggregat ta' kull xahar għal *stocks* u rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju jew tranżazzjonijiet huma speċifikati fit-Tabella 4.

PARTI 2

**Residenza u settur ekonomiku tad-detenturi ta' ishma/*units* ta' IF**

1. L-aġenti ta' rappurtar jirrappurtaw, kull trimestru, *data* dwar ir-residenza tad-detenturi ta' ishma/*units* ta' IF maħruġa minn IFs ta' l-Istati Membri parteċipanti skond il-klassifikazzjoni ta' l-Istati Membri domestiċi/Stati Membri oħra parteċipanti/il-bqija tad-dinja. Il-kontropartijiet domestiċi u ta' Stati Membri oħra parteċipanti huma kklassifikati aktar fid-dettal skond is-settur.

2. Fir-rigward ta' ishma/*units* irreġistrati, il-IFs li joħorġuhom, jew il-persuni li jirrappreżentawhom legalment, jirrappurtaw *data* dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi ta' l-ishma/*units* tagħhom maħruġa. Jekk xi IF li joħroġ ma jkunx direttament f'pożizzjoni biex jidentifika r-residenza u s-settur tad-detentur, huwa jirrapporta d-*data* relevanti skond l-informazzjoni disponibbli.

3. Fir-rigward ta' ishma/*units bearer*, l-aġenti ta' rappurtar jirrappurtaw *data* dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi ta' l-ishma/*units* ta' IF skond il-metodu deċiż mill-BĊN relevanti. Dan l-obbligu huwa llimitat għal wieħed jew aktar "combination" mill-għażliet li ġejjin, biex jintgħażel/jintgħażlu wara li titqies l-organizzazzjoni tas-swieq relevanti u l-arranġamenti legali nazzjonali fl-Istat Membru rispettiv. Dan l-obbligu se jkun sorveljat perijodikament mill-BĊN.

   (a) IFs li joħorġu:

   IFs li joħorġu, jew il-persuni li jirrappreżentawhom legalment, jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament, jirrappurtaw *data* dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi ta' l-ishma/*units* tagħhom maħruġa. Din l-informazzjoni tista' tasal mill-aġent li jiddistribwixxi l-ishma/*units* jew minn kull entità oħra involuta f'din il-ħarġa (*issue*), xiri mill-ġdid (*buy-back*) jew trasferiment ta' l-ishma/*units*.

   (b) MFIs u OFIs bħala kustodji ta' ishma/*units* ta' IF:

   Bħala aġenti ta' rappurtar, MFIs u OFIs li jaġixxu bħala kustodji ta' ishma/*units* ta' IF jirrappurtaw *data* dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi ta' l-ishma/*units* maħruġa minn IFs residenti u miżmuma f'kustodja f'isem id-detentur jew intermedjarju ieħor li jkun qed jaġixxi wkoll bħala kustodja. Din l-għażla hija applikabbli jekk: (i) il-kustodja jiddistingwixxi ishma/*units* ta' IF miżmuma f'kustodja f'isem detenturi minn dawk miżmuma f'isem kustodji oħra; u (ii) ħafna mill-ishma/*units* IF ikunu fil-kustodja ta' istituzzjonijiet domestiċi residenti li huma kklassifikati bħala intermedjarji finanzjarji (MFIs jew OFIs).

   (ċ) MFIs u OFIs bħala *reporters* ta' tranżazzjonijiet ta' residenti ma' dawk li mhumiex residenti li jinvolvu ishma/*units* ta' IF residenti:

   Bħala aġent ta' rappurtar, MFIs u OFIs li jaġixxu bħala *reporters* ta' tranżazzjonijiet ta' residenti ma' dawk li mhumiex residenti li jinvolvu ishma/*units* ta' IF residenti jirrappurtaw *data* dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi ta' ishma/*units* maħruġa minn IFs residenti, li huma jinnegozjaw f'isem id-detentur jew intermedjarju ieħor ukoll involut fit-tranżazzjoni. Din l-għażla hija applikabbli jekk: (i) il-kopertura tar-rappurtar hija komprensiva, jiġifieri tkopri b'mod sostanzjali t-tranżazzjonijiet kollha mwettqa mill-aġenti ta' rappurtar; (ii) tingħata *data* preċiża dwar xiri u bejgħ ma' dawk li mhumiex residenti ta' l-Istat Membru parteċipanti; (iii) id-differenzi bejn il-valur tal-ħruġ u l-valur ta' meta tifdi (*redemption*), esklużi t-tariffi, ta' l-istess ishma/*units* huma minimi; u (iv) l-ammont ta' ishma/*units* miżmuma minn dawk li mhumiex residenti ta' l-Istati Membri parteċipanti maħruġa minn IFs residenti huwa baxx.

   (d) Jekk l-għażliet (a) sa (ċ) ma japplikawx, l-aġenti ta' rappurtar, inklużi MFIs u OFIs li mhumiex IFs, jirrappurtaw id-*data* relevanti skond l-informazzjoni disponibbli.

4. Jekk ishma/*units* rreġistrati jew *bearer* jinħarġu għall-ewwel darba, jew jekk l-iżviluppi tas-suq jeħtieġu bidla ta' l-għażla jew "combination" ta' għażliet, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi għal sena fir-rigward ta' l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

PARTI 3

**Tabelli ta' rappurtar**

*Tabella 1*

**Stocks**

Data li għandha tingħata kull trimestru

| | A. Domestiċi (total) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | MFIs | Mhux-MFIs-Total | | | | | | |
| | | | | Gvern Ġenerali | Residenti oħra | | | | |
| | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji oħra + awżil-larji finanz-jarji (S. 123 + S. 124) | Korporazzjo-nijiet ta' assi-gurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S. 125) | Korporazzjo-nijiet mhux finanzjarji (S.11) | Households + istituzzjoni-jiet mhux profittabbli li jservu house-holds (S. 14 + S. 15) |
| ATTIV | | | | | | | | | |
| 1. depożitu u talbiet għal self | | | | | | | | | |
| 2. Titoli minbarra ishma | | | | | | | | | |
| 2e. Euro | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | |
| 2x. Valuti barranin | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | |
| 2t. Total ta' Valuti | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | |
| 3. Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati, esklużi ishma /*units* ta' IF u MMF | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma/*units* ta' IF u MMF A27 | | | | | | | | | |
| 4. Derivattivi finanzjarji | | | | | | | | | |
| 5. Attiv mhux finanzjarju [inklużi assi fissi]+A29 | | | | | | | | | |
| 6. Attiv li jifdal | | | | | | | | | |
| PASSIV | | | | | | | | | |
| 7. Self u depożiti riċevuti | | | | | | | | | |
| 8. Ishma/*units* IF ([1]) | | | | | | | | | |
| 9. Derivattivi finanzjarji | | | | | | | | | |
| 10. Passiv li jifdal | | | | | | | | | |

IFs li jsegwu l-metodu aggregat jirrappurtaw iċ-ċelel kollha, inklużi dawk suwed u griżi.
IFs li jsegwu l-metodu "combined" jirrappurtaw: (i) iċ-ċelel is-suwed; (ii) l-informazzjoni mitluba fit-Tabella 2 għal dawk it-titoli li jinġabru t-b-t; u (iii) iċ-ċelel il griżi għal dawk it-titoli li ma jinġabrux t-b-t.

([1]) Jekk l-aġent ta' rappurtar mhuwiex f' pożizzjoni li jidentifika direttament ir-residenza u s-settur tad-detentur, huwa jirrapporta d-*data* relevanti skond l-informazzjoni disponibbli. Fil-każ ta' ishma *bearer*, l-informazzjoni tista' tingħabar minn MFls jew OFls, minbarra fondi ta'investiment (kif speċifikat fl-Artikolu 2(2) u l-paragrafu 3 f'Parti 2 ta' l-Anness I ma'dan ir-Regolament).

| B. Stati Membri parteċipanti ohra (total) | | | | | | | | | Ċ. RoW (total) | | | | D. Mhux allokati |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | MFIs | Mhux-MFls-Total | | | | | | | | li tieghu Stati Membri mhux parteċipanti | li tieghu l-Istati Uniti | li tieghu l-Ġappun | |
| | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohra | | | | | | | | | |
| | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohra + awżillarji finanzjarji (S. 123 + S. 124) | Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S. 125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S. 11) | Households + istituzzjonijiet mhux profittabbli li jservu households (S. 14 + S. 15) | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |

*Tabella 2*

**Informazzjoni meħtieġa titolu b’titolu**

Meta jintuża l-metodu mhallat, għandha tiġi rrappurtata d-*data* għall-entrati fit-tabella hawn isfel għal kull titolu kklassifikat taħt il-kategoriji ta’ titoli “titoli minbarra ishma”, “ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra” u “ishma/*units* ta” fond ta’ investiment maħruġa skond ir-regoli li ġejjin.

(a) Id-*data* għall-entrata 1 għandha tiġi rrappurtata.

(b) Fil-każ li l-BĊN relevanti ma jiġborx direttament informazzjoni t-b-t dwar tranżazzjonijiet, id-*data* għal tnejn mit-tliet entrati 2, 3 u 4 għandha tiġi rrappurtata (jiġifieri entrati 2 u 3; entrati 2 u 4; jew entrati 3 u 4).

(ċ) Fil-każ li l-BĊN relevanti jiġbor direttament informazzjoni t-b-t jew tranżazzjonijiet, għandha tiġi rrappurtata wkoll id-*data* għall-entrati li ġejjin:

(i) entrata 5; jew entrati 6 u 7, u

(ii) entrata 4; jew entrati 2 u 3.

(d) Il-BĊN relevanti jista’ jitlob ukoll lill-aġenti ta’ rappurtar biex jirrappurtaw id-*data* għall-entrata 8.

(e) Il-BĊN relevanti jista’ jagħżel li jiġbor biss *data* għall-entrata 2 fil-każijiet (b) u (ċ)(ii) hawn fuq. Jekk isir hekk, il-BĊN għandu jiċċekkja, u jinforma lill-BĊE, ta’ lanqas darba f’sena li l-kwalità tad-*data* aggregata rrappurtata mill-BĊN, inklużi l-frekwenza u d-daqs tar-reviżjonijiet, mhijiex affettwata.

| Entrata | Titolu |
|---|---|
| 1 | Kodiċi għall-identifikazzjoni tat-titolu |
| 2 | Numru ta’ units jew ammont nominali aggregat |
| 3 | Prezz |
| 4 | Ammont totali |
| 5 | Tranżazzjonijiet |
| 6 | Titoli mixtrija (attiv) jew maħruġa (passiv) |
| 7 | Titoli mibjugħa (attiv) jew mifdija (passiv) |
| 8 | Valuta tar-reġistrazzjoni tat-titolu |

*Tabella 3*

**Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet**

*Data* li għandha tingħata kull trimestru

| | A. Domestiċi (total) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | MFIs | Mhux MFIs – total | | | | | | |
| | | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohra | | | | |
| | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohra + awżilljarji finanzjarji (S. 123 + S. 124) | Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S. 125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S. 11) | Households + istituzzjonijiet mhux profittabbli li jservu households (s. 14 + S. 15) |
| ATTIV | | | | | | | | | |
| 1. depożitu u talbiet għal self | | | | | | | | | |
| 2. Titoli minbarra ishma | | | | | | | | | |
| 2e. Euro | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | |
| 2x. Valuti barranin A17 | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | |
| 2t. Valuti totali | | | | | | | | | |
| sa sena | | MINIMU | | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | MINIMU | | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| aktar minn sentejn | | MINIMU | | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| 3. Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji ohra | | MINIMU | | | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| li minnhom ishma kkwotati, esklużi ishma / *units* ta' IF u MMF | | MINIMU | | | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| li minnhom ishma/*units* ta' IF u MMF | | MINIMU | MINIMU | | | | | | |
| 4. Derivattivi finanzjarji | | | | | | | | | |
| 5. Attiv mhux finanzjarju [inklużi assi fissi] | | | | | | | | | |
| 6. Attiv li jifdal | | | | | | | | | |
| PASSIV | | | | | | | | | |
| 7. Self u depożiti riċevuti | | | | | | | | | |
| 8. Ishma/*units* ta' IF (1) | | | | | | | | | |
| 9. Derivattivi finanzjarji | | | | | | | | | |
| 10. Passiv li jifdal | | | | | | | | | |

IFs li jsegwu l-metodu aggregat jirrappurtaw iċ- ċelel kollha mmarkati "MINIMU". Il-BĊN jista' jestendi dawn l-obbligi għaċ-ċelel suwed u griżi li ma jinkludux il-kelma "MINIMU".

IFs li jsegwu l-metodu "combined" jirrapurtaw: (i) iċ-ċelel is-suwed mmarkati "MINIMU"; (ii) iċ-ċelel il-griżi mmarkati "MINIMU" għal dawk it-titoli li ma jinġabrux t-b-t; u (iii) fil-każ li xi BĊN relevanti jiġbor direttament informazzjoni t-b-t dwar tranżazzjonijiet, l-informazzjoni mitluba fit-Tabella 2 għal dawk it-titoli li jinġabru t-b-t.

Il-BĊNi jistgħu jestendu dawn l-obbligi għal: (i) iċ-ċelel li ma jinkludux il-kelma "MINIMU"; u (ii) iċ-ċelel il-griżi li ma jinkludux il-kelma "MINIMU" għal dawk it-titoli li ma jinġabrux t-b-t.

(1) 'Jekk l-aġent ta' rappurtar mhuwiex f'pożizzjoni li jidentifika direttament ir-residenza u s-settur tad-detentur, huwa jirrapporta d-*data* relevanti skond l-informazzjoni disponibbli. Fil-każ ta' ishma *bearer*, l-informazzjoni tista' tingħabar minn MFIs jew OFIs, minbarra fondi ta' investiment (kif speċifikat fl-artikolu 2(2) u l-paragrafu 3 f'Parti 2 ta' l-Anness I ma' dan ir-Regolament).

(2) Il-BĊNi jistgħu jeżentaw IFs milli jirrapurtaw din il-partita, jekk l-i*stocks* trimestrali mniżżla fit-tabella 1 jirrappreżentaw anqas minn 5 % ta' l-ishma/*units* ta' IF maħruġa.

| B. Stati Membri parteċipanti ohra (total) | | | | | | | | | Ċ. RoW (total) | | | | D. Mhux allokati |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | MFIs | Mhux MFIs – total | | | | | | | | Li tieghu Stati Membri mhux parteċipanti | Li tieghu l-Istati Uniti | Li tieghu l-Ġappun | |
| | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohra | | | | | | | | | |
| | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohra + awżillarji finanzjarji (S. 123 + S. 124) | Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S. 125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S. 11) | *Households* + istituzzjonijiet mhux profittabbli li jservu *households* (s. 14 + S. 15) | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | MINIMU | | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| | MINIMU | | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| | MINIMU | | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| | MINIMU | | | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| | MINIMU | | | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| | MINIMU | MINIMU | | | | | | | MINIMU | MINIMU | MINIMU | MINIMU | |
| | | | | | | | | | | | | | MINIMU [2] |
| | | | | | | | | | | | | | MINIMU [2] |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | MINIMU |
| | | | | | | | | | | | | | MINIMU [2] |
| | | | | | | | | | | | | | |

*Tabella 4*

**Stocks, Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet**

*Data* li għandha tingħata kull xahar

| | A. Domestiċi (total) | | | | | | | | | B. Stati Membri parteċipanti ohra (total) | | | | | | | | | Ċ. RoW | D. Mhux allokati |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | MFIs | Mhux MFIs – total | | | | | | | | MFIs | Mhux MFIs – total | | | | | | | Total | |
| | | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohra | | | | | | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohra | | | | | | |
| | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohra + awżillarji finanzjarji (S. 123 + S. 124) | Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S. 125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S. 11) | Households + istituzzjonijiet mhux profittabbli li jservu households (s. 14 + S. 15) | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohra + awżillarji finanzjarji (S. 123 + S. 124) | Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S. 125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S. 11) | Households + istituzzjonijiet mhux profittabbli li jservu households (s. 14 + S. 15) | | |
| PASSIV | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 8. Ishma/Units ta' IF | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*ANNESS II*

**DEFINIZZJONIJIET**

**Parti 1**

**Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti**

Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni dettaljata standard tal-kategoriji ta' strumenti, li l-BĊNi jittrasponu f'kategoriji applikabbli fil-livell nazzjonali skond dan ir-Regolament ([1]). Id-definizzjonijiet jirreferu għas-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (l-ESA 95).

TABELLA A

*Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti ta' l-attiv u l-passiv tal-IF*

*KATEGORIJI ta' L-ATTIV*

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 1. Depożiti u talbiet għal self | Għall-finijiet ta' l-iskema ta' rappurtar, din tikkonsisti f'fondi msellfa minn IFs lil min jissellef, li mhumiex attestati b'dokumenti jew huma rrappreżentati minn dokument wieħed (anke jekk ikun sar negozzjabbli). Tinkludi attiv fil-forma ta' depożiti:<br><br>— depożiti mqiegħda ma' MFIs:<br><br>(a) depożiti trasferibbli: depożiti (f'valuta nazzjonali jew barranija) li huma konvertibbli immedjatament f'valuta jew li huma trasferibbli permezz ta' ċekk, ordni ta' bank, entrata ta' debitu jew mezz ieħor simili, it-tnejn li huma mingħajr xi tip ta' restrizzjoni sinifikanti jew penali (l-ESA 95, il-paragrafi 5.42 sa 5.44);<br><br>(b) depożiti oħra: il-*holdings* kollha f'depożiti minbarra depożiti trasferibbli. Depożiti oħra ma jistgħux jintużaw biex jaffettwaw ħlasijiet f'kull ħin u mhumiex konvertibbli f'valuta jew depożiti trasferibbli mingħajr xi tip ta' restrizzjoni sinifikanti jew penali. Din is-subkategorija tinkludi depożiti marbutin għal perijodu ta' żmien (*time deposits*) u depożiti ta' tfaddil (*savings deposits*) (l-ESA 95, il-paragrafi 5.45 sa 5.49)<br><br>— *holdings* ta' titoli mhux negozjabbli.<br><br>*Holdings* ta' titoli minbarra ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra li mhumiex negozjabbli u li ma jistgħux jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji (ara wkoll "self innegozjat")<br><br>— self innegozjat (*traded loans*)<br><br>Self li *de facto* sar negozzjabbli għandu jiġi kklassifikat taħt il-partita ta' l-attiv "depożiti u talbiet għal self" bil-kundizzjoni li jibqa' attestat minn dokument wieħed u, bħala regola ġenerali, innegozjat ta' kultant.<br><br>— Talbiet taħt *repos* imreġġgħin lura (*reverse repos*)<br><br>Kontroparti ta' flus kontanti mħallsa għal titoli mixtrija minn IFs bi prezz iffissat b'rabta soda biex wieħed ibiegħ mill-ġdid l-istess titoli (jew simili) bi prezz fiss f'data futura speċifikata (ara l-kategorija 7)<br><br>Din il-partita tinkludi wkoll *holdings* ta' karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni euro u ta' valuta barranija li normalment jintużaw biex jaffettwaw ħlasijiet. |

([1]) Jiġifieri dawn it-tabelli mhumiex listi ta' strumenti finanzjarji individwali.

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
| --- | --- |
| 2. Titoli minbarra ishma | *Holdings* ta' titoli minbarra ishma jew parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra, li huma negozjabbli u normalment innegozjati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu paċuti fis-suq, u li ma jagħtux lid-detentur l-ebda drittijiet ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni li toħroġhom.<br><br>Din il-partita tinkludi:<br><br>— *holdings* ta' titoli (irrispettivament jekk humiex attestati jew le b'dokumenti) li jagħtu lid-detentur id-dritt inkondizzjonat għal dħul fiss jew iddeterminat kuntrattwalment fil-forma ta' ħlasijiet ta' imgħax u/jew somma fissa miftiehma u f'data speċifikata (jew dati) jew li jibda minn data definita fil-ħin tal-ħruġ;<br><br>— self negozzjabbli li jkunu ġew irristrutturati f'numbru kbir ta' dokumenti identiċi u li jkunu jistgħu jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji (ara wkoll "self innegozjat" f'kategorija 1);<br><br>— dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn;<br><br>— sabiex tinżamm il-konsistenza mat-trattament ta' operazzjonijiet tat-tip *repo*, titoli msellfa f'operazzjonijiet ta' self ta' titoli jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali (u m'għandhomx jiġu ttrasferiti għall-karta tal-bilanċ ta' l-akkwirent temporanju) fejn hemm rabta soda biex tiġi mreġġgħa lura l-operazzjoni u mhux sempliċiment b'mod fakultattiv (ara wkoll kategoriji 7).<br><br>Tinħtieġ klassifikazzjoni tal-maturità għal *holdings* ta' titoli minbarra ishma. Dan ifisser maturità fil-ħin tal-ħruġ (maturità oriġinali), u tirreferi għall-perijodu fiss tat-tul taż-żmien ta' strument finanzjarju li qabel ma jgħaddi dan iż-żmien it-titolu ma jkunx jista' jinfeda. |
| 3. Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra | *Holdings* ta' titoli li jirrappreżentaw drittijiet ta' proprjetà f'korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet. Dawn it-titoli ġeneralment jintitolaw id-detenturi sehem fil-profitti ta' korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet, u sehem fil-kapital tagħhom (*own funds*) fil-każ ta' stralċ. Din il-kategorija tkopri erba' subkategoriji prinċipali:<br><br>— ishma/*units* ta' IF u MMF;<br><br>— ishma kwotati, esklużi ishma/*units* ta' IF u MMF;<br><br>— ishma mhux kwotati, esklużi ishma/*units* ta' IF u MMF: ishma li mhumiex kwotati (l-ESA 95, il-paragrafi 5.90 sa 5.93);<br><br>— parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra: il-forom kollha ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji minbarra dawk klassifikati fis-subkategoriji msemmija hawn fuq (l-ESA 95, il-paragrafi 5.94 u 5.95). |
| 3a. Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra li minnhom huma kkwotati ishma, esklużi ishma/*units* ta' IF u MMF | Ishma bi prezzijiet ikkwotati fuq borża rikonoxxuta jew forma oħra ta' suq sekondarju (l-ESA 95, il-paragrafi 5.90 sa 5.93). |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 3b. Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra li minnhom ishma/*units* ta' IF u MMF | Din il-partita ta' l-attiv tinkludi *holdings* ta' ishma/*units* maħruġa minn IFs u MMFs inklużi fil-lista ta' IFs u MFIs għal finijiet ta' statistika.<br><br>MMFs huma impriżi ta' investiment kollettiv li l-ishma/*units* tagħhom huma, f'termini ta' likwidita', sostituti mill-qrib għal depożiti, u li jinvestu primarjament fi strumenti tas-suq tal-flus u/jew f'ishma/*units* ta' MMF u/jew fi strumenti ta' debitu trasferibbli oħra b'maturità residwa li tammonta għal u li tinkludi sena, u/jew f'depożiti tal-bank, u/jew li jsegwu rata ta' dħul li tqarreb ir-rati ta' l-imgħax ta' strumenti tas-suq tal-flus. MMFs huma ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 BĊE/2001/13 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji.<br><br>IFs huma ddefiniti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. |
| 4. Derivattivi finanzjarji | Skond standards internazzjonali eżistenti ta' statistika, strumenti ta' derivattivi finanzjarji li għandhom valur tas-suq għandhom fil-prinċipju jkunu suġġetti li jitniżżlu fil-karta tal-bilanċ. Id-derivattivi jkollhom valur tas-suq meta jiġu nnegozjati fi swieq organizzati, jiġifieri boroż, jew f'ċirkustanzi li fihom ikunu jistgħu jiġu paċuti regolarment fi swieq *over-the-counter* (OTC).<br><br>Skond din il-partita, għandhom ikunu rrappurtati d-derivattivi finanzjarji li ġejjin:<br><br>— *options*, irrispettivament jekk humiex negozjabbli jew OTC;<br><br>— *warrants*;<br><br>— *futures*, imma biss jekk ikollhom valur tas-suq għax ikunu negozjabbli jew ikunu jistgħu jiġu paċuti; u<br><br>— *swaps*, imma biss jekk ikollhom valur tas-suq għax ikunu negozjabbli jew ikunu jistgħu jiġu paċuti.<br><br>Id-derivattivi finanzjarji li huma suġġetti li jitniżżlu fil-karta tal-bilanċ għandhom jiddaħħlu skond il-valur tas-suq tagħhom, li huwa l-prezz tas-suq prevalenti jew ekwivalenti qrib (valur ġust (*fair value*)).<br><br>Id-derivattivi għandhom jitniżżlu fil-karta tal-bilanċ gross. Kuntratti individwali ta' derivattivi b'valuri tas-suq pożittivi u gross għandhom jitniżżlu fuq in-naħa ta' l-attiv tal-karta tal-bilanċ, u l-kuntratti b'valuri tas-suq negattivi u gross fuq in-naħa tal-passiv. Rabtiet futuri gross li johorġu minn kuntratti ta' derivattivi m'għandhomx jiddaħħlu bħala partiti ta' fuq il-karta tal-bilanċ (*on-balance sheet*). Id-derivattivi finanzjarji jistgħu jitniżżlu nett skond metodi differenti ta' valutazzjoni.<br><br>Fil-każ li jkunu disponibbli biss pożizzjonijiet netti, jew il-pożizzjonijiet ma jitniżżlux skond il-valur tas-suq imma b'valuri oħra, dawn il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrappurtati minflok. |
| 5. Attiv mhux finanzjarju (inklużi assi fissi) | Din il-partita tikkonsisti fi:<br><br>— investimenti f'assi fissi tanġibbli (e.ż. residenzi, bini ieħor u strutturi, u bini mhux residenzjali) u oġġetti prezzjużi (e.ż. metalli prezzjużi); u<br><br>— assi tanġibbli jew assi intanġibbli mhux finanzjarji, li huma maħsuba biex jintużaw ripetutament għal aktar minn sena minn IFs. Jinkludu art u bini okkupati mill-IFs, kif ukoll tagħmir, *software* u infrastruttura oħra. |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 6. Attiv li jifdal | Din hija l-partita residwa fuq in-naħa ta' l-attiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "attiv mhux inkluż xi mkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu wkoll taħt din il-partita klassifikazzjonijiet individwali ta' li ġej:<br>— imgħax akkumulat riċevibbli fuq depożiti u self,<br>— imgħax akkumulat fuq titoli minbarra ishma,<br>— kera akkumulata fuq bini,<br>— ammonti riċevibbli li m'għandhomx x'jaqsmu man-negozju prinċipali tal-IF. |

*KATEGORIJI TAL-PASSIV*

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 7. Self u depożiti riċevuti | Ammonti dovuti lil kredituri minn IFs, minbarra dawk li jqumu mill-ħruġ ta' titoli negozzjabbli. Din il-partita tikkonsisti f':<br>— self: self mogħti lil IFs li jirrappurtaw li mhuwiex attestat b'dokumenti jew huwa rrappreżentat b'dokument wieħed (saħansitra anke jekk ikun sar negozzjabbli);<br>— *repos*: il-kontroparti tal-flus kontanti riċevuti fi skambju għal titoli/deheb mibjugħa minn IFs bi prezz miftiehem skond rabta soda biex jinxtraw mill-ġdid l-istess titoli/deheb (jew simili) bi prezz fiss f'data futura speċifikata. L-ammonti riċevuti minn IFs fi skambju għal titoli/deheb ittrasferiti lil terza persuna ("akkwirent temporarju") għandhom jiġu kklassifikati taħt "ftehim ta" xiri mill-ġdid' fejn ikun hemm rabta soda biex titreġġgħa lura l-operazzjoni u mhux meta jkun sempliċiment b'mod fakultattiv. Dan jimplika li IFs iżommu proprjetà effettiva (ekonomika) tat-titoli/deheb matul l-operazzjoni. F'dan irrigward, it-trasferiment tal-proprjetà legali mhijiex il-karatteristika relevanti biex jiġi ddeterminat it-trattament ta' operazzjonijiet li jixbhu lir-*repos*. Meta l-akkwirent temporanju jbigħ it-titoli/deheb riċevuti permezz ta' operazzjoni tar-*repo*, dan il-bejgħ għandu jkun irreġistrat bħala tranżazzjoni mill-ewwel f'titoli/deheb u mniżżel fil-karta tal-bilanċ ta' l-akkwirent temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli/deheb.<br>It-tliet varjanti li ġejjin ta' operazzjonijiet tat-tip tar-*repo* huma kollha strutturati b'mod li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu ttrattati bħala self iggarantit. Għalhekk l-ammonti riċevuti minn IFs (bi skambju għal titoli/deheb ittrasferiti temporanjament lil terza persuna) huma kklassifikati taħt "ftehim ta' xiri mill-ġdid":<br>— ammonti riċevuti fi skambju għal titoli/deheb ittrasferiti temporanjament lil terza persuna fil-forma ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid,<br>— ammonti riċevuti fi skambju għal titoli/deheb ittrasferiti temporanjament lil terza persuna fil-forma ta' self ta' *bonds* (kontra garanzija fi flus kontanti),<br>— ammonti riċevuti fi skambju għal titoli/deheb ittrasferiti temporanjament lil terza persuna fil-forma ta' ftehim ta' bejgħ/xiri mill-ġdid. |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 8. Ishma/*units* ta' IF | Ishma jew *units*, inklużi fil-forma ta' kapital ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji, maħruġa minn IFs li huma inklużi fil-lista ta' IFs għal finijiet ta' statistika. Din il-partita tirrappreżenta l-passiv (*liability*) totali lejn l-azzjonisti tal-IF. Jiġu inklużi wkoll fondi li ġejjin minn benefiċċji mhux iddistribwiti jew fondi mwarrba minn IFs li jirrappurtaw fl-antiċipazzjoni tagħhom għal ħlasijiet futuri w obbligi probabbli.<br><br>Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:<br><br>— "Ishma/*units* ta' IF irreġistrati" tfisser ishma/*units* ta' IF li dwarhom, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tinżamm dokumentazzjoni li tidentifika d-detenturi ta' l-ishma/*units* tiegħu, inkluża l-informazzjoni dwar ir-residenza u s-settur tad-detentur;<br><br>— "ishma/*units bearer* ta' IF" tfisser ishma/*units* ta' IF li dwarhom, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ma tinżammx dokumentazzjoni li tidentifika d-detenturi ta' l-ishma/*units* tiegħu, jew li dwarhom tinżamm dokumentazzjoni li ma tinkludix informazzjoni dwar ir-residenza u s-settur tad-detentur. |
| 9. Derivattivi finanzjarji | Ara l-kategorija 4 |
| 10. Passiv li jibqa' | Din hija l-partita residwa fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "passiv mhux inkluż x'imkien ieħor".<br><br>Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu wkoll taħt din il-partita klassifikazzjonijiet individwali ta' li ġej:<br><br>— titoli ta' dejn maħruġa<br><br>Titoli minbarra parteċipazzjonijiet azzjonarji maħruġa minn IFs, li huma strumenti normalment negozjabbli u negozjati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtu lid-detentur l-ebda drittijiet ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni li toħroġhom<br><br>— imgħax akkumulat pagabbli fuq self u depożiti,<br><br>— ammonti pagabbli mhux relatati man-negozju prinċipali ta' IF (ammonti dovuti lil fornituri, taxxi, pagi, kontribuzzjonijiet soċjali, eċċ.),<br><br>— provvedimenti li jirrappreżentaw passivi kontra terzi persuni (pensjonijiet, dividendi, eċċ.),<br><br>— pożizzjonijiet netti li jirriżultaw minn self ta' titoli mingħajr garanzija fi flus kontanti,<br><br>— ammonti netti pagabbli fir-rigward ta' *settlements* futuri ta' tranżazzjonijiet f'titoli. |

**Parti 2**

**Definizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu**

TABELLA B

*Definizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu*

| Entrata | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Kodiċi għall- identifikazzjoni tat-titolu | Kodiċi li jidentifika titolu b'mod uniku. Jista' jkun il-kodiċi ISIN jew kodiċi ieħor għall-identifikazzjoni ta' titolu, suġġett għall-istruzzjonijiet tal-BĊN. |

| Entrata | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Numru ta' *units* jew ammont nominali aggregat | Numru ta' *units* ta' xi titolu, jew ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa negozjat f'ammonti aktar milli f'*units*. |
| Prezz | Prezz għal kull *unit* ta' titolu, jew perċentwali ta' l-ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa negozjat f'ammonti aktar milli f'*units*. Il-prezz huwa normalment il-prezz tas-suq jew huwa qrib tal-prezz tas-suq. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll l-imgħax akkumulat taħt din il-pożizzjoni. |
| Ammont totali | Ammont totali għal titolu. Fil-każ ta' titoli li huma nnegozjati f'*units*, dan l-ammont huwa l-istess daqs in-numru ta' titoli multiplikat bil-prezz għal kull *unit*. Meta t-titoli huma nnegozjati f'ammonti aktar milli f'*units*, dan l-ammont huwa l-istess daqs l-ammont nominali aggregat multiplikat bil-prezz imfisser bħala perċentwali.<br>L-ammont totali huwa, fil-prinċipju, daqs il-valur tas-suq jew huwa qrib tal-valur tas-suq. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll l-imgħax akkumulat taħt din il-pożizzjoni. |
| Tranżazzjonijiet | Is-somma tax-xiri imnaqqsa bil-bejgħ (titoli fuq in-naħa ta' l-attiv) jew il-ħarġiet (*issues*) imnaqqsa billi tifdi (*redemptions*) (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valuri tat-tranżazzjoni. |
| Titoli mixtrija (attiv) jew maħruġa (passiv) | Is-somma tax-xiri (titoli fuq in-naħa ta' l-attiv) jew ħarġiet (*issues*) (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valuri tat-tranżazzjoni. |
| Titoli mibjugħa (attiv) jew mifdija (passiv) | Is-somma tal-bejgħ (titoli fuq in-naħa ta' l-attiv) jew billi tifdi (*redemptions*) (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valuri tat-tranżazzjoni. |
| Valuta tar-reġistrazzjoni tat-titolu | Kodiċi ISO jew ekwivalenti tal-valuta użata biex tfisser il-prezz u/jew l-ammont dovut tat-titolu. |

**Parti 3**

**Definizzjonijiet ta' setturi**

L-ESA 95 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni tas-settur. Il-kontropartijiet li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri parteċipanti huma identifikati skond is-settur tagħhom skond il-lista tal-IFs u l-MFIs għall-finijiet ta' statistika, u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontropartijiet ipprovduta fil-*Manwal* tal-BĊE *dwar is-settur ta' l-istatistika monetarja, ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq, Gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-klijenti.*

TABELLA Ċ

*Definizzjonijiet ta' setturi*

| Settur | Definizzjoni |
|---|---|
| 1. MFIs | Banek ċentrali nazzjonali residenti, istituzzjonijiet ta' kreditu residenti kif iddefiniti fil-liġi tal-Komunita', u istituzzjonijiet finanzjarji residenti oħra li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew jagħlqu sostituti għal depożiti minn entitajiet ħlief MFIs, u, għalihom innifishom (ta' -anqas f'termini ekonomiċi), li jagħtu krediti u/jew li jinvestu f'titoli (Regolament (KE) Nru 2423/2001 BĊE/2001/13). |
| 2. Gvern ġenerali | *Units* residenti li prinċipalment huma ngaġġati fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux tas-suq maħsuba għall-konsum individwali u dak kollettiv, u/jew fir-ridistribuzzjoni tad-dħul nazzjonali u l-ġid (l-ESA 95, il-paragrafi 2.68 sa 2.70). |

| Settur | Definizzjoni |
|---|---|
| 3. Intermedjarji finanzjarji oħra + awżillarji finanzjarji | Korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji (ħlief korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni) prinċipalment ingaġġati f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jeħlu passiv f'forom minbarra valuta, depożiti u/jew sostituti qrib ta' depożiti, minn *units* istituzzjonali minbarra MFIs, jew riżervi tekniċi ta' assigurazzjoni (l-ESA 95, il-paragrafi 2.53 sa 2.56). Inklużi wkoll huma l-awżillarji finanzjarji li jikkonsistu fil-korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet kollha li huma prinċipalment ingaġġati f'attivitajiet finanzjarji awżillarji (l-ESA 95, il-paragrafi 2.57 sa 2.59). IFs kif iddefiniti f'dan ir-Regolament huma inklużi hawnhekk. |
| 4. Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni | Korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji prinċipalment ingaġġati f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-*pooling* tar-riskji (l-ESA 95, il-paragrafi 2.60 sa 2.67). |
| 5. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet li mhumiex ingaġġati f'intermedjazzjoni finanzjarja imma prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji (l-ESA 95, il-paragrafi 2.21 sa 2.31). |
| 6. *Households* u u istituzzjonijiet mhux profittabbli li jservu *households* | Individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi, u produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji esklussivament għall-konsum finali tagħhom, u bħala produtturi ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji u finanzjarji, bil-kundizzjoni li l-attivitajiet tagħhom mhumiex dawk ta' kważi-korporazzjonijiet. Jinkludu istituzzjonijiet mhux profittabbli li jservu *households* u li prinċipalment huma ngaġġati fil-produzzjoni ta' oġġetti mhux tas-suq u servizzi maħsuba għal gruppi partikolari ta' *households* (l-ESA 95, il-paragrafi 2.75 sa 2.88). |

*ANNESS III*

**AĠĠUSTAMENTI ta' RIVALUTAZZJONI JEW TRANŻAZZJONIJIET**

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tirrapporta aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament. Fil-każ li l-popolazzjoni attwali li tirrapporta, tirrapporta aġġustamenti ta' rivalutazzjoni, dawn ikopru jew rivalutazzjonijiet minħabba tibdil fil-prezz u fir-rata tal-kambju, jew tibdiliet biss fil-prezz fil-perijodu ta' referenza, suġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tal-BĊN relevanti. Fil-każ li l-aġġustament ta' rivalutazzjoni jkopri biss rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz, il-BĊN relevanti jiġbor id-*data* meħtieġa, li għandha tkopri bħala minimu klassifikazzjoni tal-valuta f'liri sterlini, dollari Amerikani, jeni Ġappuniżi u franki Svizzeri, sabiex jiġu dedotti r-rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fir-rata tal-kambju.

2. "Tranżazzjonijiet finanzjarji" jirreferu għal dawk it-tranżazzjonijiet li jqumu mill-ħolqien, il-likwidazzjoni jew it-tibdil fil-proprjetà ta' attiv jew passiv finanzjarju. Dawn it-tranżazzjonijiet jitkejlu f'termini tad-differenza bejn il-pożizzjonijiet ta' l-*istock* f'dati ta' rappurtar ta' tmiem il-perijodu, li minnha jitneħħa l-effett tat-tibdiliet minħabba influwenzi mill-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" (ikkawżati minn tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju) u mir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". Il-BĊE jeħtieġ informazzjoni statistika għall-iskop li jikkumpila tranżazzjonijiet fil-forma ta' aġġustamenti li jkopru "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" u "rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju". Tranżazzjonijiet finanzjarji għandhom fil-prinċipju jikkonformaw ma' l-ESA 95, imma jistgħu jiddevjaw minħabba prattiċi nazzjonali.

3. "Rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju" jirreferu għal ċaqliq fil-valutazzjoni ta' l-attiv u tal-passiv li jirriżulta jew minn tibdiliet fil-prezzijiet ta' l-attiv jew il-passiv u/jew mir-rati tal-kambju li jaffettwaw il-valuri mfissra f'euro ta' l-attiv u l-passiv iddenominat f'valuta barranija. L-aġġustament fir-rigward tar-rivalutazzjoni tal-prezz ta' l-attiv/passiv jirreferi għal ċaqliq fil-valutazzjoni ta' l-attiv/passiv li jirriżulta minħabba bidla fil-prezz liema skond l-attiv/passiv huma rregistrati jew innegozjati. Ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz jinkludu t-tibdiliet li jseħħu tul iż-żmien fil-valur ta' l-*istocks* ta' tmiem il-perijodu minħabba tibdiliet fil-valur ta' referenza liema skond huma rreġistrati, jiġifieri qligħ/telf ta' *holding*. Movimenti fir-rati tal-kambju kontra l-euro li jseħħ bejn id-dati ta' rappurtar ta' tmiem il-perijodu jwasslu għal aktar bidliet fil-valur ta' l-attiv/passiv f'valuta barranija meta mfissra f'euro. Billi dawn it-tibdiliet jirrappreżentaw qligħ/telf ta' *holding* u mhumiex minħabba tranżazzjonijiet finanzjarji, dawn l-effetti għandhom jitneħħew mid-*data* tat-tranżazzjonijiet. Fil-prinċipju, "rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju" jinkludu wkoll tibdiliet fil-valutazzjoni li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet fl-attiv/passiv, jiġifieri qligħ/telf realizzat; madankollu, hemm prattiċi nazzjonali diverġenti f'dan ir-rigward.

*ANNESS IV*

**STANDARDS MINIMI BIEX JIĠU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALI LI TIRRAPPORTA**

L-aġenti ta' rappurtar għandhom jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin biex jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtar statistiku tal-BĊE.

1. Standards minimi għat-trasmissjoni.

   (a) Ir-rappurtar lill-BĊNi għandu jkun fil-ħin u fl-iskadenzi stabbiliti mill-BĊN relevanti;

   (b) rapporti statistiċi għandhom jieħdu l-forma u format tagħhom mill-obbligi ta' rappurtar tekniku stabbiliti mill-BĊNi;

   (ċ) il-persuna(i) ta' kuntatt fl-aġent ta' rappurtar għandha/hom tkun ikunu identifikati;

   (d) għandhom jiġu segwiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trasmissjoni tad-*data* lill-BĊNi; u

   (e) fil-każ ta' rappurtar titolu b' titolu, l-aġenti ta' rappurtar għandhom, jekk il-BĊN rilevanti jitlob hekk, jipprovdu aktar informazzjoni (e.ż. isem ta' min joħrog (*issuer*), data tal-ħruġ) meħtieġa biex jidentifikaw titoli li jkollhom il-kodiċi tagħhom għall-identifikazzjoni tat-titoli jew żbaljati jew mhumiex disponibbli pubblikament.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni

   (a) L-informazzjoni statistika għandha tkun korretta:

   — ir-restrizzjonijiet lineari kollha għandhom jiġu sodisfatti (e.ż. l-attiv u l-passiv għandhom jibbilanċjaw, is-subtotali għandhom jingħaddu mat-totali); u

   — Id-*data* għandha tkun konsistenti tul il-frekwenzi kollha;

   (b) l-aġenti tar-rappurtar għandhom ikunu kapaċi jipprovdu l-informazzjoni dwar l-iżviluppi implikati mid-*data* mogħtija;

   (ċ) l-informazzjoni statistika għandha tkun kompluta: lakuni eżistenti għandhom ikunu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊNi u, fejn japplika, jimtlew kemm jista' jkun malajr;

   (d) l-informazzjoni statistika m'għandhiex tinkludi gaps kontinwi u strutturali;

   (e) l-aġenti ta' rappurtar għandhom isegwu d-dimensjonijiet u d-deċimali stabbiliti mill-BĊNi għat-trasmissjoni teknika tad-*data*; u

   (f) l-aġenti ta' rappurtar għandhom isegwu l-politika ta' tqarrib stabbilita mill-BĊNi għat-trasmissjoni teknika tad-*data*.

3. Standards minimi għal konformità kunċettwali

   (a) L-informazzjoni statistika għandha tikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu fir-Regolament;

   (b) Fil-każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet, fejn japplika l-aġenti ta' rappurtar għandhom jissorveljaw fuq bażi regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament; u

   (ċ) L-aġenti ta' rappurtar għandhom ikunu kapaċi jispjegaw *breaks* fid-*data* mogħtija mqabbla mal-figuri tal-perijodi ta' qabel.

4. Standards minimi għar-reviżjonijiet

   Għandhom jiġu segwiti l-politika u l-proċeduri tar-reviżjonijiet stabbiliti mill-BĊE u l-BĊNi. Ir-reviżjonijiet li jiddevjaw minn reviżjonijiet regolari għandhom ikunu akkompanjati b'noti spjegattivi.